KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 – Il-ĠIMGĦA 18 TA' SETTEMBRU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

24.1.1 Ma kienx hemm.

**24.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

24.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (23) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

24.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 24.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

24.3.1 Ma kienx hemm.

## 24.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

24.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ta aġġornament dwar il-proġett ta' Triq il-Wied fejn informa li l-Kuntrattur appuntat minn Infrastructure Malta beda fażi oħra tal-proġett bil-qlugħ tal-bankina eżistenti biex isiru oħrajn ġodda. Semma li kien hemm xi diffikultajiet minħabba l-maltemp fejn kien hemm numru ta' residenti li kellhom ingress ta' ilma u drenaġġ partikularment fil-parti t'isfel ta' Triq il-Wied. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jagħmel il-parti tiegħu biex ikun il-vuċi tar-resident peress li dan mhuwiex proġett li l-Kunsill għandu kontroll dirett.

Is-Sindku informa li l-Kunsill qed ikun kontinwament f'kuntatt mar-residenti u mall-Perit biex dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati fl-iqsar żmien possibbli. Informa wkoll li l-kunċett li jitħawwlu s-siġar matul il-korsa fi Triq il-Wied kien skreppjat min-naħa ta' Infrastructure Malta minħabba l-importanza tal-implimentazzjoni tal-parkeġġi. Però l-proposta tal-Kunsill li tifforma ġnejna żgħira fl-ispazju miftuħ ma' Triq l-Awrikarja biex ninkorporaw xtieli u siġar bħala Kunsill li jippromwovi ambjent aħjar. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni dwar dan is-*soft landscaping* minn Infrastructure Malta.

23.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li fi Triq il-Wied k/m Triq il-Ħarruba għandna sitwazzjoni delikata fejn makkinarju goff qed jaċċessa minn Triq il-Ħarruba minn kmieni filgħodu bil-konsegwenza li qed jikkawża nkonvenjenzi kbar lir-residenti taż-żona. Ħsejjes eċċessivi fil-ħemda tal-lejl u fis-sigħat bikrin ta' filgħodu minn makkinarju goff li qed jitla minn Triq il-Ħarruba għal żvilupp ta' Park Industrijali f'żona ODZ. Minn spezzjonijiet li saru, jirriżulta li l-makkinarju goff li qed jidħlu f'dan is-sit ikollhom liċenza valida għal fuq it-triq.

Is-Sindku informa li l-Kunsill kien issottometta rappreżentazzjoni dwar din l-applikazzjoni f'leġiżlaturi preċedenti fuq dan l-iżvilupp fejn il-Kunsill spjega li dan l-iżvilupp propost imur kontra *policy objectives* tal-MEPA u jmur kontra l-Pjan Strutturali.

Il-konċernament tal-Kunsill kien ukoll dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar x'kien propost preċiż dwar ċertu elementi ta' dan l-iżvilupp fis-sottomissjoni ta' din l-applikazzjoni Iżda jirriżulta li l-permess ħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

B'din id-deċiżjoni, r-residenti qed jesperjenzaw ir-riperkussjonijiet fejn makkinarju goff qed jgħaddi minn qalb l-abitat mingħajr kontrolli u bla limitu biex jasal għal dan is-sit.

Is-Sindku talab biex issir laqgħa fl-immedjat mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta peress li din il-materja skalat tant li hemm numru ta' residenti li jirrisiedu fi Triq il-Ħarruba u Triq iż-Żebbuġa li qed jagħmlu pressjoni mal-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku ikkonkluda li kien ser jaġġorna lil-laqgħa bl-eżitu tal-laqgħa li għandha ssir mal-Awtorità fil-ġimgħat li ġejjin.

23.4.4 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li fix-xhar ta' Ottubru ta' kull sena ssir kampanja bit-tema 'Pink October' biex jinħoloq għarfien dwar il-kanċer tas-sider. Is-Sindku qal li huwa jemmen f'dawn il-kampanji u xtaq li l-Kunsill jipparteċipa għall-ewwel darba f'din il-kampanja fejn il-lokalità tal-Iklin tingħaqad ma' numru ta' lokalitajiet oħra madwar Malta u Għawdex biex nixgħelu *landmarks* fl-Iklin bil-kulur roża għal matul ix-xhar ta' Ottubru. Is-Sindku ippropona li jinxtegħel id-dawl dekorattiv tal-*playingfield*, u dawl dekrattiv ieħor li nsibu fi Triq Anton Buttigieg u Triq Ġużè Bonnici. *Nem con*.

## 24.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

24.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar il-laqgħa li kellha ssir ma' Lija/Iklin Football Youth Nursery peress li kien hemm xi talbiet min-naħa tal-Kumitat lill-istess Kunsill u fejn xtaqet tweġiba biex tara jekk il-Kunsill hux ser jakkomoda dawn l-istess talbiet.

24.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-laqgħa kienet primarjament maħsuba biex jiġi diskuss l-istatut u l-emendi li saru dan l-aħħar biex il-Kunsill ikollu statut rivedut. Spjega wkoll dwar il-fatt li l-Kunsill bħala Ko-fundatur dejjem kien ko-parteċipi fl-attivitajiet però fakkar ukoll li l-Kunsill jikkollabora ma' Għaqdiet oħra fil-lokal u għaldaqstant irid jinżamm il-bilanċ.

Kompla billi qal li s-sena li għaddiet, il-Kunsill kien itteppja fondi minn skema li kien ħareġ il-Kunsill Reġjonali u fejn ibbenifikaw Lija/Iklin Football Youth Nursery. Din l-iskema ma reġgħetx ħarġet din is-sena u għaldaqstant il-Kunsill għandu sitwazzjoni differenti. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill lest jgħin fl-attivitajiet li jorganizzaw bħala *fund-raising* anke bil-preżenza tal-Kunsillieri, u wiegħed li hu ser ikun *on the lookout* għal xi fondi li jistgħu ikunu disponibbli għat-tfal ta' Nursery.

Ikkonkluda li l-Kunsill kien ser jipparteċipa għall-attività ta' nhar is-26 ta' Settembru 2020 fejn is-Sindku se jkun preżenti flimkien mall-Kunsillier Bernice Farrugia. Kienet ikkonfermata wkoll id-data tal-laqgħa li ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru fis-6.45p.m. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jattendu għal din il-laqgħa.

## 24.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

24.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-28 ta' Awwissu u s-17 ta' Settembru 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

24.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1597/20. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsilli Lokali biex jgħaddu l-informazzjoni lill-kumpannija FACES dwar l-implimentazzjoni ta' *Bus Shelters* f'kull lokalità. Fil-każ tal-lokalità tal-Iklin, fi Triq il-Wied ser jiġi mplimentat l-ewwel Bus Shelter bl-isem 'Ġerada' biex eventwalment issir applikazzjoni DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-istallazzjoni tal-imsemmi Bus Shelter. Sallum kien ikkonfermat li Bus Shelter wieħed jista jsir mingħajr l-ebda modifikazzjoni fl-infrastruttura eżistenti. F'dan l-istadju, se jkun qed isir ukoll eżerċizzju bl-involviment tal-Perit fi Triq il-Wied dwar il-lokazzjoni tal-*Bus Shelters* proposti fl-imsemmija triq anke sabiex naraw li l-istallazzjoni ma tkunx ta' detriment għar-residenti tal-viċin. Il-Kunsill qed jikkordina wkoll ma' Infrastructure Malta u mall-kumpannija FACES biex ikun hemm ko-ordinazzjoni sħiħa fl-implimentazzjoni tal-proġett.

24.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1612/20. Riċevuta mingħand il-fornitur Joseph Gili li ħa l-kuntratt biex isir il-proġett ta' rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ fi tliet siti differenti fl-Iklin bil-permessi neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar. Proġett ko-finanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll jekk ix-xogħol kienx miexi kif previst dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Is-Sindku faħħar ix-xogħol tal-kuntrattur fejn l-ewwel fażi tal-proġett fi Sqaq Giarda k/m Triq Għargħur kien tlesta a sodisfazzjon tal-Perit.

24.6.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1617/20. Fattura mibgħuta mill-Kuntrattur Adrian Mifsud. Il-Kunsillier Zammit staqsa jekk il-Kuntrattur hux qiegħed jonora l-kuntratt u jekk hux qed jissottometti rapporti skont l-istess termini tal-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntrattur jgħaddi rapport kull xhar lill-Uffiċċju u qiegħed għad-dispożizzjoni tas-Sindku u l-Kunsillieri.

Il-Kunsillier Zammit talab għal dawn ir-rapporti u għamilha ċara li jekk mhux qed jissorvelja l-kuntratti obbligatorji kif suppost, il-Kunsill għandu jżomm tali pagamenti.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-*Contracts Manager* jixtieq ikun aktar preżenti fis-sens li jkun qed jissorvelja l-kuntratti b'mod intensiv.

Il-Kunsillier Zammit qal li ma jħossx li jkun ġust li l-Kunsill iħallas il-flus u x-xogħol jibqa jkun segwit mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv jaqbel perfettament ma' dak li ntqal mill-Kunsillier Zammit u żied li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien għamilha mandatorja li l-Kunsilli Lokali għandhom joħorġu sejħa pubblika għal servizz ta' *Contracts Manager* proprju biex ikun appuntat persuna/kumpannija li tkun qed tissorvelja l-kuntratti. Ċertament permezz ta' dan is-servizz, jitneħħa piż żejjed minn fuq l-amministrazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv jikkonferma li l-Uffiċċju jkollu ħafna *disturbance* fuq *issues* varji fejn dawn l-ilmenti għandhom faċilment jiġu ndirizzati mill-*Contracts Manager*.

24.6.5 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras irrelata dwar korrispondenza nri. 1670/1671/20. Periklu imminenti fi Triq il-Ħwawar partikolarment fil-parti li tidjieq fejn hemm is-sejjiegħ meta jgħaddi makkinarju goff. Fi Triq il-Ħarruba qed jgħaddi makkinarju goff minħabba xogħlijiet fi Triq il-Wied u anke għall-fatt li hemm attività ta' xogħol għaddej fiż-żona ta' barra mill-iżvilupp.

Is-Sindku informa li kien ta struzzjonijiet lill-Aġenzija LESA biex tassenja (2) Community Officers fuq perjodu ta' ħamest ijiem f'ħinijiet differenti tal-ġurnata stazzjonati fi Triq il-Ħarruba k/m Triq il-Wied biex jieħdu *traffic count* u jinfurzaw fejn jinnutaw irregolaritajiet.

---

**COMPLAINTS SHEET ( 28 August - 17 September 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 205 | 28/08/2020 | Intefa' ħafna żibel fi Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq Census Bugeja | **Contractor** |
| 206 | 31/08/2020 | 83, Triq il-Wied talba biex jintela ftit il-gandott ta quddiemu minħabba x-xita (Road Patching) | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 207 | 01/09/2020 | *Leakage* tal-ilma fi Triq il-Mużika | pending | Triq il-Mużika | **WSC** |
| 208 | 01/09/2020 | WSC Trinka fi Triq ic-Citru li saret ħofra | pending | Triq iċ-Ċitru | **WSC** |
| 209 | 04/09/2020 | Talba biex titnaddaf l-għalqa ta' Triq Pawlu Grech | pending | Triq Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 210 | 04/09/2020 | Parapet maħmuġ bil-ħaxix ħiereġ fuq bankina fi Triq Ġeronimo Abos, ex ħanut tal-ħwejjeġ | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 211 | 04/09/2020 | Ilment dwar storbju qawwi ġej minn *Higher School* mir-residenti ta' Triq Giorgio Locano | pending | Triq Giorgio Locano | **Police** |
| 212 | 05/09/2020 | Ilment dwar ilma maħmuġ ħdejn ħanut fi Triq Klin c/w Triq G Abos | pending | Triq Geronimo Abos | **POLICE** |
| 213 | 07/09/2020 | Sewqan perikoluż fi Pjazza Ninu Cremona | pending | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |
| 214 | 09/09/2020 | Bozza maqtugħa fejn stabbiliment tan-negozju fi Triq G Abos km Triq San Mikiel | closed | Triq Geronimo Abos | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 215 | 09/09/2020 | Tindif ta' ramel fi Triq G E Mercer | settled | Triq G E Mercer | **COUNCIL** |
| 216 | 09/09/2020 | Ilment dwar katusa tal-ilma mirduma u l-ilma mhux qed jiskula (proġett tal-WSC xi 3 snin ilu) Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq C Bugeja | **COUNCIL** |
| 217 | 09/09/2020 | Ilment dwar bankina quddiem So Galerie, niżlet u jkun hemm ġrieden Triq G Abos, talba biex timtela u tingż-żejtalaq. | settled by our handyman | Triq G Abos c/w Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 218 | 09/09/2020 | Kienet għamlet talba biex il-bankina li kienet saret ġdida tiġi irranġata għaliex minn meta saret ġdida qed taqleb il-ġewwa lejn il-garaxx, 'St Helen', Triq A Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 219 | 10/09/2020 | Bozza fuq arblu mitfija quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq Ġeronimo Abos | sent e-mail | Triq Geronimo Abos | **CONTRACTOR** |
| 220 | 11/09/2020 | Ilment fuq siġra tesporġi fuq il-bankina fi Triq il-Mużika | pending | Triq il-Muzika | **COUNCIL** |
| 221 | 14/09/2020 | Bozza tixgħel u titfi fi Triq Stefano Erardi | settled | Triq Stefano Erardi | **ENEMALTA** |
| 222 | 14/09/2020 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq il-Għargħur | pending | Triq Hal Gharghur | **CONTRACTOR** |
| 223 | 14/09/2020 | Rapport li waqa ħajt li bena l-Kunsill fi Triq ES Inglott | pending | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 224 | 14/09/2020 | Waqa' l-ħajt ta' Triq ES Inglott fl-għalqa tiegħu. Il-pedament ħażin u kull meta tagħmel ħafna xita, dan il-ħajt jaqa'. Kien diġa kellem lill-Kunsill ix-Xitwa l-oħra. | pending | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 225 | 16/09/2020 | Ilment li mhux jinġabar l-iskart, Sqaq fi Triq il-Hwawar | settled | Sqaq fi Triq il-Hwawar | **CONTRACTOR** |
| 226 | 16/09/2020 | Talba biex jinżabru s-siġar tas-service road ta' Triq Dun Karm, il-parti fejn hemm Lotto Receiver għax iffullaw ħafna. | pending | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 227 | 16/09/2020 | Fi Triq PM Vella hemm xi konteniturі biż-żejt f'daħla ta' garaxx u bil-maltemp li kien hemm dawn għelbu u ż-żejt inxtered kollu mal-bankina u fit-triq. | pending | Triq P.M. Vella | **COUNCIL** |
| 228 | 16/09/2020 | Talba biex jitranġa *timer* tad-dawl ta fejn il-playingfield, Pjazza Ninu Cremona | settled | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |

## 24.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

24.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

24.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

24.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni ta' xiri/oġġetti kif jidher hawn taħt:

*1.* Kwotazzjoni mingħand il-fornitur PC Options għal xiri ta' laptop ASUS A509j 15.6" I7/8GB/512GB SSD/W10H għall-prezz ta' Eur1,052.93c; *nem con*

## 24 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

24.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

24.8.2 Applikazzjoni PA 05760/20 – no. 25/27, Triq Karmenu Vassallo L-Iklin – Alterations to two existing maisonettes, installation of lift and construction of three apartments above.

## 24.9 RIĠENERAZZJONI TA' PJAZZA NINU CREMONA

24.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona. Beda billi qal li preżentement hemm żewġ *issues* li qed jirrikorru fil-pjazza fejn mhux l-ewwel darba li l-ispazju miftuħ qed tintuża bħala trakka fejn sewwieqa irresponsabbli jiġu jiddriftjaw bil-vetturi b'periklu imminenti għal ħajjet in-

nies. Din ilha sejra x-xhur jekk mhux is-snin. Hemm ukoll istanzi fejn vetturi jinġemgħu f'nofs ta' triq u l-*issue* tal-vandaliżmu. Is-Sindku qal li l-Kunsill wasal f'punt li ma jarax soluzzjoni oħra għajr li l-Pjazza għandha tkun sorveljata permezz ta' CCTV cameras minkejja l-fatt li nsibu l-għajnuna u l-assistenza tal-Pulizija kull darba li jinqala' każ.

Is-Sindku fakkar li fil-Pjan ta' Ħidma, kien hemm deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' CCTV cameras fil-Pjazza tiġi nkluża fil-pjan ta' ħidma u jaħseb li l-Kunsill wasal f'punt li dan il-pjan jiġi attwat b'mod konkret. Kellmuh numru ta' residenti li ma jħossuhomx komdi li jirrikrejaw ruħhom fil-ġnien jew fil-*playingfield* minħabba raġunijiet varji.

Għalhekk kien qed jipproponi li jiġi kkummissjunat *engineer* biex jipprepara studju dwar l-implimentazzjoni ta' CCTV fil-Pjazza li tinkorpora l-ispazju miftuħ, il-*playingfield* u l-Ġnien. Semma wkoll li l-Kunsill irid jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu billi jitla jixhed fil-Qrati tal-Ġustizzja kull meta jinqala' każ.

Il-Kunsillier Godwin Catania wera d-dubji tiegħu dwar l-istallazzjoni ta' CCTV cameras fis-sens kemm is-sistema ser tkun effettiva li tirrikonoxxi attivitajiet illeċiti u staqsa wkoll jekk il-Kunsill f'dan l-istadju jikkunsidrax li l-ispazju miftuħ jkun estiż u jifforma parti mill-ġnien eżistenti.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsil qed iħejji pjan għar-riġenerazzjoni tal-pjazza u kien għalhekk li ġie mistieden il-Perit tal-Kunsill biex jippreżenta impressjoni artistika tal-ispazju miftuħ li jinkorpora fih ukoll il-*playingfield* u l-ġnien.

Is-Sindku semma numru ta' raġunijiet għaliex għandu jsir riġenerazzjoni tal-pjazza kemm biex nintroduċu l-kunċett ta' żona semi pedonali u b'dan il-mod jiġu eliminati id-diffikultajiet eżistenti. Sintendi dan għandu jkun pjan ħolistiku li kif aċċenna aktar 'il fuq jinkludi fih l-implimentazzjoni ta' CCTV cameras kif ser jispjega tajjeb il-Perit fil-preżentazzjoni tiegħu. Is-Sindku aċċenna wkoll dwar il-fatt li l-pjazza mhiex teknikament pjazza imma spazju miftuħ fejn il-Kunsill kien ħa d-devoluzzjoni tal-art. B'hekk dan il-Kunsill irid jassigura li dan l-ispazju jibqa spazju miftuħ biex jservi bħala rikreazzjoni għall-komunità tal-Iklin.

Il-Kunsillier Godwin Catania reġa staqsa b'mod dirett lis-Sindku jekk l-investiment li qed jiġi propost dwar l-istallazzjoni ta' CCTV cameras ikunx ippjanat u implimentat bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-pjazza.

Kompla billi qal li jekk tiġi mplimentata s-sistema fl-immedjat u ma tkunx maħsuba għat-tul, il-Kunsillier Catania għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara li huwa ma kienx ser jivvota a favur l-awtorizazzjoni tax-xiri tas-sistema.

Is-Sindku Dott. Sciberras għamilha ċara li l-Kunsill se jkun qed jaħdem fuq pjan ħolistiku u għamilha ċara li r-riġenerazzjoni tal-pjazza mhuwiex proġett li se jsir fl-immedjat għax jimplika proċess twil fejn tkun trid issir konsultazzjoni pubblika, applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar u ovvjament hemm l-aspett finanzjarju li l-Kunsill irid jaħdem fuqu biex ikollu l-finanzjament meħtieġ. L-istess dwar is-sistema tas-CCTV cameras, kollox jieħu ż-żmien tiegħu u ċertament mhuwiex proġett li se jsir mil-lum għal għada. F'dan l-istadju, jkun meħtieġ li l-Kunsill jikkummissjona s-servizz ta' engineer biex isir studju dwar sistema ta' CCTV cameras li jkopri l-ispazju miftuħ, il-*playingfield* u l-ġnien. Permezz ta' dan l-istudju, se jkun qed jipprovdi rapport tekniku li jispjega tajjeb il-loġistika.

24.9.2 Imbagħad is-Sindku talab vot għal deċiżjoni dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jikkummissjona Perit/Engineer biex iħejji studju dwar l-implimentazzjoni ta' CCTV cameras fi Pjazza Ninu Cremona.

24.9.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jiġi kkummissjunat Perit/engineer biex iħejji rapport biex eventwalment tiġi stallata sistema ta' CCTV camera fi Pjazza Ninu Cremona.

24.9.4 Il-Kunsill approva unanimament.

24.9.5 Imbagħad is-Sindku stieden lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar ir-riġenerazzjoni tal-pjazza.

24.9.6 Is-Sindku spjega li dan il-proġett propost huwa impressjoni artistika u professjonali tal-Perit għar-riġenerazzjoni tal-pjazza.

Dak li ser jiġi ppreżentat huwa stadju inizjali (design stage) fejn il-Perit għamel l-istudji tiegħu dwar x'jista jsir. Għamilha ċara li dak li qed jiġi ppreżentat mhux ser tittieħed deċiżjoni illejla dwaru imma ser tkun opportunità biex il-Kunsillieri iressqu l-mistoqsijiet tagħhom u jikkummentaw b'mod liberu dwar il-proposta.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill irid ikun komdu u konvint mid-disinn qabel ma ssir konsultazzjoni pubblika u jmur għall-proċessi ta' applikazzjoni, u aktar importanti diskussjoni dwar l-aspett finanzjarju ta' dan il-proġett.

24.9.7 Il-Perit ħejja *power point presentation* dwar ir-riġenerazzjoni tal-pjazza u ppreżenta mudell biex jispjega tajjeb id-disinn. L-ewwel ideja ġiet mill-istudji u mir-*requirements* li ġew ippreżentati, ispirat ukoll mill-emblema tal-Iklin biex intejbu ċ-ċentru. L-ewwel ħaġa li studja kien it-tipoloġija ta' proġetti oħrajn li jintużaw f'postijiet ta' riġenerazzjoni ta' ċentru mhux neċessarjament storiku fejn beda jipprova jamalgama il-ħdura mal-*landscaping* b'mod li jista jintuża mhux billi jitħawlu ftit siġar fin-nofs u nkunu sebbaħna l-ispazju miftuħ imma biex jinħoloq spazju li jintuża mill-komunità u kif ukoll ir-riġenerazzjoni propost ikun bħala *statement* għall-Iklin. Semma li preżentement, fejn qiegħda l-pjazza ma tantx hemm minn fejn tispira ruħek.

Il-Perit qal li fid-disinn fittex kif jista jamalgama ċertu użu ta' bini biex jipprovdi u jingħataw ċertu servizzi lill-Iklin immirati għall-*Community Policing* u *Berġa* mingħajr ma jsir bini daqshekk evidenti bl-iskop li l-arja eżistenti tal-pjazza ma tinħonoqx b'xi binja u fl-istess waqt studja il-*paths* u l-*flows* li huma neċessarji fil-pjazza. Il-Perit qal ukoll li ra kif qed tintuża preżentement il-pjazza biex noħorġu bid-disinn li jikkumplimenta l-proprju dan l-ispazju miftuħ.

Ittieħed *drone footage* tal-ispazju miftuħ biex ħa l-kejl tal-pjazza preċiż bħala parti mill-istudju. Tkellem ukoll dwar il-parti teknika, fejn semma li skont l-Awtorità tal-Ippjanar, il-parti ta' quddiem il-ħwienet u d-dawra għal Triq Patri Anastasju Cuschieri huma parti mill-*building line*. Semma li mhuwiex tal-fehma li tingħalaq imma jekk ikun hemm l-ideja ta' *pedestrianisation*, tkun aktar faċli biex issir.

Peress li hemm diżlivell bejn l-ispazju miftuħ u l-*playingfield*, fid-disinn hemm il-ħsieb li jamalgama l-ispazju miftuħ mal-*playingfield* u l-ġnien. B'hekk ħareġ bil-proposta li jikber il-*footprint* u l-ispazju jkun b'mod aktar organizzat u b'mod sigur għat-tfal. Għamel riferenza wkoll għall-faċilità tal-parkeġġ u l-immaniġġjar tat-traffiku fejn id-disinn jipprovdi wkoll għall-parkeġġ.

Żied jgħid li daħħal l-ideja ta' anfiteatru li jservi kemm bħala taraġ, *seating*, backdrop bl-ideja li r-riġenerazzjoni tal-pjazza jkollha *mixed use*. Semma wkoll il-kmamar li jistgħu iservu bħala *Community Policing* u Berġa. Rigward il-livelli tal-kmamar spjega li bl-inklużjoni tal-bini peress li hemm diżlivell bejn it-triq kif inhi llum u l-playingfield, l-għoli tal-bini ma jkunx jeċċedi żewġ metri mil-livell tat-triq, fil-fatt kif qed tiġi ppjantata qegħda 1.5 metri 'il fuq mit-triq (*above street level)* filwaqt li s-saqaf tagħha jservi bħala *green roof*, estensjoni tal-pjazza u b'hekk daħħalna bini mingħajr ma impatta l-ispazju miftuħ filwaqt li l-bini tal-kmamar ma jiġux taħt l-art. Id-disinn jipprovdi għall-apparat tal-bandli, *water feature*, jew skultura. Tkellem ukoll dwar fażi oħra tal-proġett fejn hemm il-ġnien fejn tista tiġi riġenerata permezz ta' ripetizzjoni tad-disinn.

24.9.8 Imbagħad, wara preżentazzjoni dettaljata, is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jikkummentaw.

24.9.9 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk ir-riġenerazzjoni propost itellifx lill-bini eżistenti li hemm fi Triq Ġużè Ellul Mercer. Il-Perit wieġeb li mhux ser itellef il-veduta tal-ispazju miftuħ. L-għoli tal-kmamar ma jeċċedix 1.5 mteri.

24.9.10 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar is-soqfa tal-kmamar proposti bl-iskop li jista jinħoloq forma ta' barrier permezz ta' għamara tat-toroq (flower pots). Fl-istess waqt irrimarka li fl-opinjoni tiegħu, l-għoli m'għandux jeċċedi 1 metru 'il fuq mit-triq (*above street level)* għaliex jaħseb li jkollna diffikultà mar-residenti.

Il-Perit wieġeb li teoretikament tista teskava biex ma teċċedix 'l metru. Il-Perit żied jgħid li f'dan l-istadju, hemm lok għal tibdil, din hija l-ewwel ideja, l-ewwel kunċett. Il-Perit qal ukoll li eventwalment ikun irid isir *feasibility study*.

24.9.11 Il-Kunsillier Godwin Catania irrefera wkoll għall-parti t'isfel ta' taħt il-*playingfield* fejn hemm soft landscaping eżistenti li għandu bżonn *upgrade*.

24.9.12 Il-Perit qal li l-akbar diffikultà li ġiet ippreżentata mis-Sindku kienet il-kwistjoni tal-finanzjament għalhekk il-Perit issuġġerixxa li r-riġenerazzjoni tal-pjazza tiġi estiża u ssir *in phasing*.

Il-Perit żied jgħid li huwa jieħu l-kumment *on board* u jgħid x'jista jsir b'mod temporanju immedjat jew immedjat permanenti li jista jara kif se ser jiġi mplimentat il-proġett.

24.9.13 Is-Sindku Dott. Sciberras ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex il-proġett jinqasam *in phasing* però tkellem dwar l-aspett finanzjarju fejn semma li huwa kien qed jibbaża fuq il-fond li hemm ipparkjat għand l-Awtorità tal-Ippjanar dak li kien UIF Funds illum Development Planning Fund fejn spjega li huwa fond biex minnhom il-Kunsill ikun jista jaħdem fuq proġetti fil-lokalità. Semma li sa ftit żmien ilu, il-Kunsill kellu madwar Eur300,000 a dispożizzjoni tiegħu. Illum il-Gvern għamel reviżjoni fil-mod ta' kif isir il-*funding* fejn qabel il-Kunsill kien jieħu 100% tal-proġett iżda llum bit-tibdil li sar, proġett li jwettaq il-Kunsill jieħu sa 80% filwaqt li 20% ikun irid jassorbi l-ispiża l-Kunsill. Irid ikun proġett li jkunu qed igawdu minnu aktar minn lokalità waħda biex il-Kunsill Reġjonali japplika f'isem il-Kunsilli rispettivi biex jieħu l-100%. Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-fond huwa disponibbli għall-ngos, aġenziji tal-Gvern, u individwi privati.

Is-Sindku ikkonkluda li l-*funding* li hemm ipparkjati għand l-Awtorità tal-Ippjanar mhuwiex biżżejjed biex immorru għal dan il-proġett. Id-disinn huwa miftuħ għad-diskussjoni u se jkun hemm żmien suffiċċjenti biex tkompli d-diskussjoni dwar ir-riġenerazzjoni tal-pjazza.

24.9.14 Is-Sindku irringrazzja lill-Perit għal din il-preżentazzjoni ibbażata fuq pjan li ddiskuta l-Kunsill ippreżentata permezz ta' mozzjoni waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2020.

## 24.10 SKEMA FINANZJARJA GĦAL RIMBORŻ TA' SPEJJEŻ GĦAL SERVIZZ TA' PERIZJA DWAR 'SLOW STREETS'

24.10.1 Is-Sindku Dr. Sciberras għamel rikapitulazzjoni dwar il-proġett pilota SLOW STREETS fejn il-Kunsill kien iddikjara l-interess li jidħol għal dan il-proġett. Fakkar li kien ittieħed vot f'waħda mis-seduti preċiżament f'Ġunju li għadda fejn il-Kunsill kien indirizza l-immaniġġjar tat-traffiku f'toroq residenzjali l-aktar dawk li it-toroq li minnhom jidħol influss ta' vetturi (foreign traffic) biex jitla lejn it-Tramuntana tal-pajjiż.

L-ideja li jonqos it-traffiku (foreign traffic) biex primarjament jitnaqqsu l-emmissjonijiet li huma ta' detriment għas-saħħa tal-persuna u sabiex permezz ta 'dan il-proġett SLOW STREETS, il-Kunsill jippromwovi mezzi differenti ta' transport, il-mixi, u l-kultura tar-rota.

24.10.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-ispejjeż għas-servizz ta' Perizja li finalment il-Kunsill ser jieħu rimborż ta' massimu ta' Eur3k mingħand il-Kunsill Reġjonali Ċentru.

24.10.3 Kien deċiż li jiġi kkummissjunat il-Perit tal-Kunsill biex iħejji x-xogħol tal-applikazzjoni. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ser tiġi nfurmata li l-Kunsill ser jaħdem bil-Perit tal-Kunsill Matthew Casha.

24.10.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 24.11 SKEMA FINANZJARJA GĦAL TWETTIEQ TA' PROĠETTI MILL-KUNSILL LOKALI

24.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras għamel riferenza għall-proġett propost fi Triq San Mikiel fejn din il-materja kienet ġiet diskussa fis-seduta preċedenti dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill Reġjonali Ċentru kien ser jgħaddi sa massimu ta' Eur34K lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex iwettaq proġetti fil-lokalità. Is-Sindku ppropona li dawn il-fondi jintużaw għal dan l-iskop.

24.11.2 Imbagħad, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jirrikonferma u japprova dan il-proġett.

24.11.4 Il-Kunsill approva unanimament.

**24.12 SKEMA FINANZJARJA GĦAL AVVENIMENT SOĊJO-KULTURALI**

24.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka dwar din l-iskema fejn stqarr li minħabba l-pandemija, il-Kunsill mhuwiex qed jara li jista jippjana avvenimenti fil-futur qarib. Semma l-edizzjoni Festa Fjuri li tkun skedata għax-xhar ta' Mejju però fiċ-ċirkostanzi li jinsab fihom il-pajjiż, ma tantx wieħed jista jippjana.

Irrefera wkoll għall-iskema li kien eliġibbli għaliha mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu Eur7k għall-avveniment Festa Fjuri li kellha ssir f'Mejju li għadda u li dan l-avveniment kulturali kellu jiġi kkanċellat proprju minħabba COVID-19.

24.12.2 Wara diskussjoni, ħareġ punt validu fejn kien hemm min staqsa jekk il-Kunsill ikunx jista japplika għal din l-iskema biex jottjeni fondi għall-istess avveniment.

24.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ser jagħmel il-verifiki neċessarji għaliex ġieli ltaqa' ma' skemi fejn issir riferenza jekk inġiebux fondi minn xi entità oħra għall-istess attività.

24.12.4 Fis-sitwazzjoni li ninsabu fihom, il-Kunsill se jżomm din l-iskema taħt għajnejh sal-għeluq ta' *deadline* kif indikat fl-iskema finanzjarja nru. 6/2020.

**24.13 SKEMA FINANZJARJA GĦAL XIRI JEW KIRI TA' TIŻJIN TAL-MILIED 2020**

24.13.1 Il-Kunsill Reġjonali Ċentru nieda skema għall-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt ir-Reġjun Ċentru fejn l-iskema tippermetti li Kunsill ikun jista jixtri jew jikri tiżjin tal-Milied sa massimu ta' Eur3k.

24.13.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex għal din is-sena, minbarra t-tiżjin tad-dawl tal-Milied armat fi Pjazza Ninu Cremona, tintalab kwotazzjoni għal kiri ta' *Christmas motifs* għal Triq Ġeronimo Abos. Informa li fl-imsemmija triq, hemm l-infrastruttura lesta biex jitilgħu l-antarjoli tal-festa biex jintrama disinn tad-dawl min-naħa għall-oħra tat-triq.

24.13.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

**24.14 RIŻOLUZZJONI BIEX IL-KUNSILL JAWTORIZZA LI JSIR L-ARRANĠAMENT GĦALL-INTERNET BANKING**

24.14.1 Is-Sindku għamel riferenza għad-direttiva nru. 4/2020 dwar l-użu tal-internet banking fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex jadattaw mat-tibdil li qed isir mill-Banek

Kummerċjali bil-ħsieb li jiġu aġġornati s-sistemi maż-żminijiet tal-lum u dan sabiex jitnaqqas l-użu tal-cash u cheques u jibdew jintużaw mezzi diġitali jew online.

24.14.2 Għaldaqstant il-Kunsill qed jgħaddi din ir- riżoluzzjoni biex jawtorizza li jsir l-arranġament ma' Bank Kummerċjali għall-internet banking fejn kull ordni ta' ħlas jew ordni ta' trasferiment li jsir bl-użu tal-internet banking irid xorta jibqa' jkollu l-awtorizazzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv.

**(Ara dok. E)**

**24.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

24.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Ottubru 2020 fil-5.30 pm.

24.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2020 fil-5.30 pm.

24.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.25 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |